MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2006

Avviz Numru. 14/2002

Alan Azzopardi

vs

George Bugeja u b'digriet tat-12 ta' Lulju 2006 il-gudizzju gie trasfuz f'isem George John Bugeja u ohtu Anastasia mart Mark Xerri stante l-mewt ta' George Bugeja fil-mori tal-kawza

Il-Qorti,

Rat l-avviz ta' l-attur permezz ta' liema talab il-kundanna tal-konvenut sabiex ihalsu s-somma ta' elfejn u erbgha u erbghin liri maltin u seba' centezmi (Lm2044.07) rapprezentanti danni kkagunati fuq il-vettura Seat Cordoba numru ta' registrazzjoni GAQ 637 proprjeta' ta' l-attur in konsegwenza ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fl-20 ta' Marzu 2004 ghall-habta tal-4.00pm fi Triq il-

Hamrija, Xewkija, Ghawdex, ghal-liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba negligenza, imperizija u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-27 ta’ April 2004 u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data ta’ l-incident sad-data tal-pagament effettiv u bir-rizerva ta’ kull dritt fil-ligi. Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat n-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut George Bugeja fejn eccepixxa:

1. illi huwa bl-ebda mod u manjera ma huwa responsabbli ghall-incident stradali imsemmi fl-avviz, liema incident stradali gara unikament minhabba traskuragni grassa, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ta’ l-attur, kif jigi pruvat ampjament waqt is-smigh tal-istess kawza;

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Din hija kawza li titratta kollizjoni li grat ix-Xewkija fl-20 ta’ Marzu 2004 bejn vettura numru ta’ registrazzjoni GAQ 637 tal-marka Seat Cordoba, misjuqa mill-attur, u vettura numru ta’ registrazzjoni EAW 832 tal-marka Hyundai, misjuqa mill-konvenut.

L-attur qieghed jazzjona ghad-danni li sofra fil-vettura tieghu konsegwenza l-incident u f’dan l-ambitu, u sabiex jirnexxi fl-azzjoni kif minnu proposta, kien mehtieg li

jipprova li t-tort tal-kollizjoni grat unikament minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Mill-provi jispikka almenu fattur wiehed ta’ rilevanza determinanti u krucjali ghall-finijiet tal-kawza. Dan huwa li l-attur kien ser jittraversa lateralment Triq il-Hamrija, minn tarf sa tarf, biex jidhol fi Triq Gladjoli. L-incident gara proprju waqt li l-attur kien qieghed jattwa din il-manuvra u sab l-ostakolu tal-vettura misjuqa mill-konvenut li kienet tinstaq tul Triq il-Hamrija. Fl-iskizz folio 38 hemm spjegat il-konfigurazzjoni tat-toroq fil-lokalita’ in kwistjoni li minnu din il-Qorti tafferma illi fil-konfront ta’ Triq il-Hamrija, kemm Triq San Gwann kif wkoll Triq il-Gladjoli huma ta’ importanza minuri jekk mhux wkoll toroq sekondarji ghaliha.

Issa minn provi ohra akkwisiti u migbura fl-atti tal-kawza jirrizulta li l-habta kienet wahda frontali min-naha ta’ l-attur mal-genb tal-lemin fuq quddiem tal-vettura tal-konvenut. Jirrizulta oltre dan li ma kien hemm ebda sinjali ta’ ‘brake marks’ jew ‘tyre marks’ mill-ebda parti u li l-art kient niexfa. Lanqas ma kien hemm ebda elementi atmosferici li setghu jostakolaw il-vizwali ghajr xi bini ta’ hajt gholi fuq in-naha ta’ Triq San Gwann minn fejn hareg l-attur li ftit jew xejn hu rilevanti ghall-kwistjoni tar- responsabbilita’.

Fl-ottika ta’ dan kollu, jigifieri, il-konfigurazzjoni tat-toroq u l-importanza rispettiva taghhom, in-nuqqas ta’ xi marki ta’ brekkjar, l-elementi atmosferici favorevoli, u wkoll l-mod ta’ sewqan tal-konvenut priv minn kull censura, jinducu lil dina l-Qorti ghall-konkluzjoni wahda li l-attur ghandu jassumi fuqu r-responsabbilita’ intiera ghall-kollizjoni stante li kienet tinkombi fuqu r-responsabbilita’ li jaccerta li jwettaq il-manuvra minghajr perikolu ghall-uttenti ohra - haga li fic-cirkostanzi, u fil-fehma ta’ din il-Qorti, hu m’ghamilx kif palesament evidenzjat anke mid-danni riportati rispettivament fil-vetturi nvoluti f’din il-kollizjoni.

Ghaldaqstant, qeghdha din il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi illi l-attur naqas li jipprova dak minnu asserit fit-talba tieghu u kwindi qeghdha tichad it-talbiet tieghu bl-ispejjez kollha a karigu tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------